## Ivvjaġġar bl-Ajru

- Jistgħu japplikaw restrizzjonijiet dwar it-tħaddim tal-prodott tiegħek meta tkun fuq ajruplan. Pereżempju, regolamenti jew restrizzjonijiet jistgħu jipprojbixxu l-użu ta' kwalunkwe tagħmir elettroniku personali (personal electronic device - PED), bħal kompjuter, li għandu l-kapaċità ta' trasmissjoni intenzjonata ta' frekwenza tar-radju jew sinjali elettromanjetiċi oħrajn waqt li tkun fuq l-ajruplan.
- Jekk jogħġbok segwi l-istruzzjonijiet speċifiċi tal-linja ta' l-ajru fir-rigward ta' meta l-użu ta' PED hu permess.
- Is-sidien tal-PEDs għandhom jiffamiljarizzaw ruħhom mal-metodi biex wieħed jattiva/jiddiżattiva l-wireless function fuq it-tagħmir tagħhom, sabiex ikunu ppreparati li jkunu konformi mar-restrizzjonijiet tal-linja ta' l-ajru.
- Meta tingħata struzzjonijiet mill-istaff tal-linja ta' l-ajru biex ma tibqax tuża t-telefon ċellulari/mobile, għandek tiddiżattiva kwalunkwe tagħmir wireless li jkun inkluż fil-PED tiegħek.
- Jekk jogħġbok irreferi għall-Istruzzjonijiet tas-Sigurtà pprovduti mal-PED tiegħek għal informazzjoni speċifika dwar l-użu ta' adapter biex tħaddem il-PED tiegħek meta tkun qed tivvjaġġa fuq ajruplan.
- Meta tkun qed tivvjaġġa, hu rakkomandat li ma tgħaddix il-PED għall-iċċekkjar bl-istess mod bħalma tagħmel lil bagalji. Żomm il-PED and batteriji spare miegħek fil-carry-on bag.
- Hu rakkomandat li tuża carrying case adattata għall-PED tiegħek biex tipprovdi sigurtà adegwata u protezzjoni kontra xi impatt.
- Kull batterija spare għandha tinġarr fil-case prottettiva tagħha, borża tal-plastik, jew pakkett, biex tevita attivazzjoni mhux intenzjonata jew short-circuiting. Tħallix il-kuntatti tal-batterija spare imissu ma' oġġetti tal-metall, bħal muniti, ċwievet, jew ġojjellerija. Il-carrying case għandha tipprovdi protezzjoni adegwata kontra t-tgħaffiġ, titqib jew impatti.
- Meta tivvjaġġa bl-istorage media mneħħija mill-PED, hu rakkomandat li tuża carrier approvat għall-istorage media. Jekk l-istorage media tkun iċċekkjata bl-idejn, kun ippreparat/a li tinstalla l-istorage media ġol-PED. Hu permess li tgħaddi l-istorage media tiegħek minn ġo X-ray security scanner.
- Meta tkun tivvjaġġa, hu permess li tgħaddi l-PED tiegħek minn ġo X-ray security scanner.
- Jekk il-PED ikun iċċekkjat bl-idejn, aċċerta ruħek li jkun hemm batterija ċċarġjata disponibbli, fil-każ li tintalab tixgħel it-tagħmir.